# Il Gharef u ir-Rahhal

---

Uieħed għaref, jifhem bosta fil cuiecheb (igħidulu *astronomu*) u jifhem ħafna ucoll f'is-sħâb u ir-rjieħ, tilef triektu hua u sejjer minn raħal għall ieħor, u resak jistaksi lil uieħed raħħâl li chien kiegħed għad-dell ta sìgra jindocra il merħla.

"Tista tgħidli, ħabib, mnejn ngħaddi biex immur f'ekreb raħal?"

"Tinsâb daks ħamest imjiel bgħid; iżda, kàbel tilħak tasal, tixxarrab ta ragel!"

Il għaref tbissem jidħac, għax ma deherlux li ix-xìta mdendla. Sâk iż-żiemel lejn fejn kallu dac ir-raħħal u telak.

Daks nofs-it-triek, is-sħâb suied f'dakka uaħda u l'ilma bèda nieżel bil kliel. Dac il għaref, daħal jistchenn fl'euuel razzet li sâb, mxarrab xraba.

Malli sebaħ, règa l'ura ifittex ir-raħħal, għax ried jâf minn għandu chif ntebaħ li ix-xìta mdendla.

"Ngħidlec," uieġbu ir-raħħal; "iżda, kabel xejn, neuuilli ukitejn."

Il għaref, li għalih it-tagħlim bosta akua minn senduka flûs, taħ l'ukitejn minnufih u dlonc ir-raħħal, chif daħħal f'butu il flûs, kallu:

"Ħares l'hin, ked taraha dic in-nagħġa is-seuda, uiċċha abjad? Is-sèma jista icun safi chemm tridu; iżda, jecc dic in-nagħġa taħbat tferfer denbha il fuk, ix-xìta tcun uaslet. Intu tistaksini mnejn tgħaddi, rajtha tferfer denbha lil dic in-nagħġa, u hecc stajt ngħidlec li għidtlec"

ALF. M. GALEA.

# ZIEDA

TA

**Dun Giusepp Farrugia**

# Rakad bil guh,
# Holom bil Ftajjar

## It-Testment tal Barbà

## LIL DUN MARCELL DE VILLARS

Lilec jien 'nrodd il ħajr, ja maħbub għażiż ta kalbi, Dun Marcell De Villars, Cappillan tal Ospizju il cbir ta Parigi, talli għoġboc tatini ħjel għalbiex insauuar dau'l ġrajja fil lsien tagħna u ngibhom fil Cotba, hecc msejjħin, tal Moghdija taż-Żmien, illi jinsabu taħt it-triġija ta's-sur Fons Galia, u huma tant mxerrdin u kgħedin jinkrau b'ħerka cbira minn bosta nies ta art tuelidna u sa fl'ibljiet ta'x-xtût tal Affrica u f'Gibiltà.

Nitolboc ħaġa, nitma lè tiċħadhieli. Ħallini, jecc jogħġboc, dan in-nitfa xogħol inżejjnu b'ismec.

Mita ma tcunx mħabbat żejjed, xtektec tabeż kabża sal Biblioteca ta Parigi, u tara issiblix hemm xi ħaġa oħra sabieħa bħal din; trid? Nibka nafulec għall għomri u żmieni.

Nselli għalic uisk u għoddni dejjem

*il ħabib tiegħec*
Dun Gius. Farrugia
*Cappillan tal Manicomju*

Malta, is-17 ta Lulju, 1909.

# Rakad bil guh, holom bil ftajjar.

Għamn'euuel, f'li Sptâr ta'x-Xjuħ ta fil krîb ta Parigi, mjet uieħed li chien îlu hemmecc għomor ta bniedem. Dan chien dejjem isemmi fuk li hu mill belt ta Marsilja, u jismu Peppi Sardù: chien uebbel f'moħħu, dan l'aħħar, li għandu 109 snîn. Bejlec għajnec minnu dan ix-xiħ, Alla jatih il genna, chiecu cont tmerih u tgħidlu li ma chellux żmien dakshecc, għax chien jaħbat għalic. Jaħtieġ ngħidu, iżda, li għalchemm chien xiħ għacca seuua, ma dan collu chien jara daks seker; ma chellu ebda sinna nieksa; mill ħausla, ma ngħidu xejn, għax dejjem f'aptitu ġmielu u jiecol colma iresskulu kuddiemu is-Sorijiet tal Carità; x'ħin jimxi, tarah dritt xemgħa, għâdu iżommha; idejh donnhom ħadid, u daks chemm chien jiflaħ, igħaggbec.

F'tixuixa li darba chienet kamet fi Franża, hu ried icun, u b'is-saħħa tiegħu, jecc uieħed General ma bakax midrub u mejjet taħt xìta ta gebel f'nofs dac ir-rvell; u fuk hecc tauh midalja, għaliex tasseu chienet tistħokklu bil jedd collu, għall ħîla cbira li mar juri f'dic it-takbida.

Mita mjet, il gazzetti collha ta Parigi tchellmu bosta fuku dan l'imbierec ta xuejjaħ u saħansitra mar-ru xandrulu ma collimchien x'għadda minn għala ħaj-jtu. Iżda; chitbu chemm chitbu, ħadd minnhom ma chien jâf seuua ula x'jismu, ula chemm il sèna chellu, u inkas fejn tuieled!

Din li jismu Peppi Sardù kalagħha minn żniedu minn mindu mar daħal suldat; u f'żgħożitu ġrâtlu bicca ta'd-daħc ta mîn jictibha, u in-nies ta Marsilja

saħansitra għadhom sa'llum isemmuha, actar milli chiecu ngħidu aħna haun Malta coltant nokogħdu inħarrfu il ġrajja ta Salvu Coèn — l'actar f'is-sajf ħdejn ir-ramla ta Birżebbugia għa'd-daul ta kamar.

Mela, ħabta uaħda, mita chien suldat, messu xi xahrejn għassa, flimchien ma erbatax oħra sħabu, fil fortizza li hemm fi gżira żgħejra jisimha Ratonneau (kisuha xi daks Filfla darbtejn), li tigi krîb ix-xtût ta Marsilja, seuua seu paċċafront it-torri ta If. * Għodua uaħda is-suldati telku lejn il belt ilcoll biex jieħdu u iġorru magħhom mill li-mħażen tal cuartier il ħażna tal ichel; fil fortizza ma ħalleux għajr uieħed biss li ħtieġlu jibka għassa u jindocra il gżira. Dan il għassies chien jismu Francoeur, (tinkàra Franchêr), ragel actarx mdaħħal f'iż-żmien.

Chif chien hemmecc uaħdu, tobsru katt x'għamel? Ħtâr lilu in-nifsu, minn jeddu, is-sultan tal gżira Ratonneau.

X'ħin, mbagħd, sħabu reġgħu marru u telgħu it-telgħa tal fortizza, bakgħu nexfin bil għageb, għax fejn katt ħolmu illi il pont sejjrin isibuh mtallagħ u il bieb magħluk u mbarrât minn geuua!

Lil seħibhom li baka' għassa, telku isejjħulu uaħda f'uaħda, u daks chemm għajtulu ħassru gargejhom u nħannku: ixxabbtu jittauulu għall ġo'l ħandak ta ma tûl it-trunċieri t'isfel; il glasis daruh collu rokgħa rokgħa; sakajjhom ħassruhom bil gìri u b'it-tixbît il hinn u l'haun, biex chiecu jarau jilmħuhx

---

* *Fuk il gżejjer ta Ratonneau (tinkàra Ratonnò) u ta If, ngħidulcom xi chelmtejn fl'aħħar ta dan il ctieb.*

ifiġġ u jinkàla minn x'imchien; sa fl'aħħar, deher għall għarrieda bniedem uiekaf fuk is-suar!

Għall euuel, chemm chemm għarfuh mħabba is-sûra chif chien liebes. Chien Francoeur; u fuk il mirjun mixdud f'rasu la-genba, chellu marbuta katta rîx tal pagun; sìdru micsi sa nofsu b'ħafna intietex ħomor u xi żeuġ b'ejjeċ frenża sàfra tilma addoċċ; u f'idejh ix-xâbla misluta!

Ħabtu ilumuh għax chienu gejjin għarkanin xriba; tcażau bih għall aħħar; xi tnejn minnhom ċajtieri, kabdu jidħcu ucoll; is-surgent, b'għeddumu sa l'art, ħabtu jitilgħulu, u fil ħin ħèda ixenghel għonku, iberrak għajnejh u jonfoħ daks barri... Iżda, malli il dan Francoeur kalulu biex ifittex jinżel jiftħilhom, heddidhom bl'icrah, u it-tuegiba tiegħu chienet din:

"Haunhecc intom ma għandcomx x'taksmu iżjed! Erġgħu erħulha minn fejn gejtu bla deumjen ta xejn; irobu fîs id-dgħajsa bil kalb it-tajjba, u tindmu jecc tersku iżjed lejn din in-naħa. Jecc biss titniffsu u tgħiduli nofs ta chelma oħra, afli iġġagħluni nagħmel in-nâr fukcom. Jiena hu issa is-sultan ta din il ġżira ta Ratonneau!"

U tracu b'ħejja cbira dauuar għall fukhom uieħed mill canuni ta fuk li-suar.

L'imsejchen chien tilef rasu f'dakka uaħda! Żegħlu bih chemm felħu, ħabircu chemm setgħu biex chiecu idaurruh minn dauc il feħmjiet ta gennu: għamlu saħansitra ta b'ir-ruħhom illi iridu jokogħdu għalli fetillu hu, billi telku iċapċpu idejjhom u igħajjtu, għal taparsi ferħanin: "*Offja għalih is-sultan Francoeur, l'euuel uieħed ta dana l'isem! Lilu il gieħ u*

*il foħrija: saħħa u mitt sena għomor!*" Imma, ix-xuejjaħ bombardier, li żmien kabel chien tkagħbad u issâra b'ir-rġulija fil guerer ta Franza mal Germanja, bàka uiekaf bħal stuiel hemm fuk is-sûr, mingħajr ma tħarrec u inkas tniffes iżjed.

It-tuila u il kasira, actar uebbes rasu u ħadd ma satagħ idauuru; u m'hux biss ma riedx jiftħilhom il bieb; iżda, minn fuk, biex il biċċa tagħkad seuua u b'cumplament ta l'erbgħa rbgħajja, erħilu jakbad ftila mixgħula, jiersak lejn canun u jurihom x'inhi fehimtu: bħallichiecu ried ifissrilhom illi avvolja huma jagħmlu x'jagħmlu u jaħbtu għalih b'in-nâr ma hux, bans, sejjer jibża, u inkas ma biħsiebu iserraħħom nifs.

L'erbatax il uieħed chemm chienu, uara li jtieħmu xi ħaġa bejniethom, reġgħu marru lejn Marsilja; u hemm, f'chemm trodd salib, xterdet ix-xniegħa ta colma ġralhom is-suldati tal gżira.

Bilġri bilġri, m'ix-xatt ta Marsilja, katgħa suldati oħra geu mibgħutin fuk dgħajjes cbar, ħalli jarau jistgħugħx jinżlu fuk l'art ta dic is-saltna il ġdida. Imma, għalxejn ħabtu reskin, il għaliex ħteġilhom b'inchejja tagħhom infushom jitbegħdu ħin bla uakt minn xfâr dic il gżira!

Francoeur jiġri għarkan fuk is-suar, minn ħdejn canun għall ieħor, minn ġo lamberżuna għall oħra, ràma ivenven u iuaddab għall fuk id-dgħajjes xìta ta balal, hecc-illi tbiccmu u tuer'uru ilcoll; fettxeu kadfu bgħid chemm felħu isa isa, u rau chif għamlu u dabbru rashom. Bakgħu li għandhom idauuru il gżira b'is-suldati minn collimchien: xort'oħra ma jagħmlu xejn u jibka f'uiċċhom!

Geuua il fortizza inzerta chien hemm xi żeuġ mgħożjiet; bil ħalib tagħhom pixca u ġaħġaħ chif sàta għall xi jumejn, dan is-sultan tal gżira: iżda, mbgħad, uara ftit, mdejjak u mxabba sa'mnieħru minn dic il ħajja, bèda jittallab xi lokma ħobż l'issajjeda li chienu mdorrijin jiġu jitfgħu il għażel u il conzijiet tagħhom in-naħa tal gżira. Hua heddidhom li għandu igħarrakhom bil balal chemm il darba ma ineuululux x'jecol: u hecc ernexxielu ġmielu jiddobba u jicseb minn għandhom, ħobż, imbit, u xi ftit ġobon; u erħilu italla' collox ġo geulak marbut b'ħabel li chien idendilulhom minn fuk is-sûr li nieżel riegla ċomb u jati għall baħar.

Din il gażiba tatu x'jaħseb uisk lil Curunel ta'r-riġment, u nistħajjlu chien kiegħed fuk ix-xuiec. Chemm sejjrin idumu hecc! ħtegilhom jarau x'jagħmlu mill actar fîs.

Uara ftit, is-sindcu de Villars, malli għarrfuh b'colma ġàra, ġagħalhom jaħbtu bil-lejl għall fortizza u jirbħuha b'is-seuua jeu b'id-dneuua, chif ucol il dac l'imsejchen ta miġnun isibulu tarfu issa kabel mbagħd.

Erbgħa-mitt artilljer, f'lejla mudlama ta'x-xahar ta Settembru, niżlu ħàbta u sàbta fuk il gżira, u sabu ruħhom uiċċ imb-uiċċ kuddiem is-sultan Francoeur, fil uakt li dan bi mnara mixgħula f'îdu chien kiegħed f'xatt il plajja jagħmel ir-ronda u jiftakad art saltnatu.

*"Mîn hu riesak l'hinnhecc?"* għàjjat hu b'chemm għandu saħħa u mnejn, x'ħin ħass il mìxi ta ħafna żraben, f'dac id-dlam ċappa.

Għall din il mistoksija tiegħu, tuegiba oħra dan

l'imsejchen ma chellux għajr tfakkiegħa ta tletin tîr ta xcubetta f'dakka, għa'n-naħa ta fejn chien icerches hu; uakt li uieħed fizzial, hecda chif resak lejh, ġagħlu jierħi ruħu f'idejhom u igħodd ruħu mirbuħ, bla ma jokgħod jisserdec ebda dakxejn.

" U il briekex aljotta !" haun kabeż kâl jitniehed is-sultan ta Ratonneau; "magħmulha tiegħi !... hecc chellu icun !"... Billi hu nzerta dac il ħìn îdu f'îdu u ma chellu ebda ħaġa fuku biex jissielet magħhom u jilka ruħu, ħtieġlu b'inchejja tiegħu jistkarr iċ-ċocon u ix-xejn minn tiegħu ; u minn ħafna tikjim li chellu, safa' b'xiber mnieħer!

Hu ma ċaħadx li m'hux mirbuħ, ġaladarba il cotra tagħleb is-saħħa; imma, f'is-siegħa u'l ħin talab illi jatuh li ħakku, għax deherlu il foħrija tal guerra lilu tmiss, peress li ma chellhom ebda jedd illi jonsbulu għall għarrieda u imiddu idejhom fuku chif marru għamlu mingħajr ma fettxeu irkakât ; għax li chiecu chienu rgiel, chien imisshom kabel xejn issarau miegħu, jagħalbuh u jirbħuh bil ponta ta's-sejf.

"Is-sultan ta Ratonneau"— għàjjat hu mbagħd mitluf f'dgħadiegħa cbira—"jierħi u jitlak is-setgħa tal ħacma li għandu f'idejh ; jinfatam minn coll gieħ u foħrija ta d'is-saltna; jitbaxxa minn jieddu kuddiem ir-Rajjes setgħân ta Franza ; ikîs ruħu lsir tiegħu u jokogħd għalli igħidlu u li iġagħlu jagħmel. Intom haunhecc tinsabu mibgħotin m'is-sindcu de Villars : jien u hu ħbieb ħobż u sicchina ; jien u hu ningiebu sħiħ ; jien miegħu nchisser platt, għax jien u dac il ħachem ilna midħla ta xulxin seuua, minn żmien żemżem ; katt ma merejna uieħed il ieħor ; u f'coll takbida, f'coll ġlieda li chella Franza, seu

mal Germaniżi, seu mal Prussiani, chif ucol, mal Ingliżi, jien u is-Sindcu kalbieni de Villars conn'na dejjem kalb uaħda u niftiehmu bħal żeuġt aħua. Morru dlonc għidulù illi jiena ma beħsibnix nerħi ruħi f'idejn ħafna nies ta kattagħni li b'surithom, bil ħârsa u iċ-ciera tagħhom ibeżżgħulec dinja; u biex nurih u nġagħlu jifhem li jien ma nibżagħx mill babau, u inkas ma għandi denbi taħt il blata, irridu jatini is-sensja u iħallini inġorr miegħi il barżacca u il pipa tiegħi!"

Mita it-talba ta Francoeur uaslet f'uidnejn is-Sindcu de Villars, dan għôxa b'id-daħc, u ma kalx lè. Dan il miġnen ta sultan li uaka' pirġunier, jeu biex ngħid aħjar, rakad bil ġuħ, ħolom bil ftajjar, daun iż-żeuġ ħuejjeġ —iċ-ċurniena u il pipa— żammhom dejjem bħallichiecu tifchira għażiża; imma, mbagħd, chellhom jieħduh il Manicomju ta Marsilja, fejn dâm żmien katih; u bosta ħlejjak chienu ta sicuit imorrulec dic il maura sa hemm ħalli jarauh.

In-nies ta Marsilja, uara li issimbleu bih, daħħluh f'kalbhom u ħabbeuh lil dan is-sultan ta Ratonneau; ismu, dic il ħàbta, chien f'il-lsien colħadd: colħadd jitħaddet fuku; colħadd jixtiek chiecu jarah mkar darba uaħda!

U mita uasal għal meut, u saħansitra ruħu ħierġa u collox, il barżacca u il pipa tiegħu, Francoeur riedhom ma genbu, bħala żeuġ tifchirjiet għeżież ta mita għamilha ta sultan għal dauc il gimgħatejn, bħal dac li kallu, xeuktu katagħha l'icun Sultan!

# *Ittra lil Dun Giusepp Farrugia*

*Paris, Jeudi 5 Août 1909*

*Mon cher Don Joseph,*

*J'ai reçu le manuscrit que vous avez eu la bonté de m'envoyer le 17 Juillet. Je l'ai fait voir à quelques amis qui connaissent les langues orientales (et par conséquent le Maltais), et après l'avoir lue, ils m'ont dit que vous écriviez très bien et très élégamment. Je vous remercie de tout cœur!*

*Mes sincères salutations et remercîments*

*Votre affectionné*

Don Marcel de Villars

*Curé de l'Asile des Aliénés*

Don Joseph Farrugia

*Curé de l'Asile des Aliénés*

*Malte*

Bil malti

*Minn Parigi Nhar il Hamis il 5 ta Auuissu 1909*

*Għażiż maħbub tiegħi, Dun Giusepp,*

*Jien uasatli il otieb li int bgħattli, u li għoġboc iżżejjnu b'ismi. Lil xi ħbieb għorrief mgħallmin fil lsien li bih jitħaddtu in-nies ta'n-naħa tal Lvant, u għalhecc il Malti jafuh tajjeb, urejthom dan ix-xogħol li int ctibt: u x'ħin krauh, kaluli li hu makdum sabieħ chif għandu icun.*

*Niżżic-ħajr b'kalbi collha, uakt li nselli għalic ħafna.*

*Għoddni dejjem il ħabib tiegħec*

Dun Marcell de Villars

*Cappilan tal Manicomju*

# It-Testment tal Barba

Jiena nâf uieħed barba...

Biex niftiehmu seuua mill euuel: sa biex tcun barba, trid icolloc ulied ħutec; u jecc tinzerta fkir daks Ġobb, jeu imkar uieħed mill ħafna ħobżna ta coljum, msejchen int! għax ħadd minnhom ma jafec, jatuc il genb, iuarrbuc, jistħu igħidu li jiġu minnec, u ma tarax għajr ċuieri u gdiedem sal art.

Imma, il barba li semmejtilcom, barra milli hu għażeb u xuxtu kotna, u mdaħħal f'iż-żmien, flûs għandu imreccnin b'ir-radam ucoll. Krabatu ħsiebhom dejjem fih, u x'għâd imisshom coll uieħed, minn gîdu. Ulied ħutu, li huma ċorma, jistħajjlu ruieħhom bħallichiecu uliedu, u ħasbu u collox, bejn uieħed u ieħor, chemm għâd jirtu minnu: moħħhom iħabbat u lgħabhom nieżel biex ifittxu jistagħneu. Dejjem jitħaddtu fuk il barba, fil-lsienhom m'hux għajr il barba; jistħarġule id-drauuijiet u l'għauejjed tiegħu b'ħerka cbira; coll matla xemx, iridu jafu x'għadda minn żniedu; u jindehsu ta sicuit ma't-tabib ta'd-dâr.

It-tabib, malli jiltakgħu miegħu, iuakkfuh dic is-siegħa u dlonc jistħarrġuh x'aħbarijiet għandu fuk il barba, għax huma igħożżuh bla kjes, egħnilli!

"*Tasseu li għandu ħausla tajjba u saħħa ta ljun?*" (erħilhom jistaksu). "*Milli jidher, karibna għâd itaual u ma biħsibux iuelli għall issa, tabib.*"

"*Ix-xjuħ, għadma tajjba,*" (iuegibhom dan), *ħajjêt ir-ruħ; igaħgaħ u igannat gmielu.*"

X'ma iraħħmulux l'it-tabib bl'oħla turija ta kalbhom, talli dan b'għerfu u bi tħabricu kiegħed jibżagħlu għal saħtu lil barbithom!... Imma, fli stess ħin, xi lixcata jitfugħa ucoll minn taħt il taħt;

bħall dac li kallu, l'it-tabib iridu ifehmuh illi it-tiżżija ta ħajr lejh tcun fiha actar x'issarraf malli il barba jigi biex jagħlak għainejh, u b'riħet hecc, colħadd ibill griezmu, ftit jeu uisk!

Daun l'imberchin ta kraba coll-x'ħin jiftacru li għâd imisshom chemxa flûs seuua mill uirt tal barba u ma dan collu għal issa ħadd minnhom ma jista jicseb dinjer, mur ara chemm tmassħin magħhom u chif nhuma kgħedin fuk ix-xuje:; u li chiecu jistgħu, jaħbtu għa'd-dinja. Colħadd jagħmilhom għonja; iridu chiecu jidħlu x'imchien jeu jakbdu taħt idejjhom xi xogħol... iżda, die is-siegħa jiscartauhom peress li hemm mîn hu iżjed fkir minnhom: jitgħaddeu razzet il-gîd peress li hemm il barba f'in-nofs. Dan barra milli il uirt jista ħabta u sabta josfor u imur ma'r-riħ, għax, côs, geu uaktjiet, bħalma igħidu li riħ ta siegħa inaddaf kiegħa!

***

Ħadd ma jâf x'għâd jista jigri il kuddiem! U billi il barba għażeb u xieref m'iż-żmien, b'dakshec?... Jecc irabbi xi nâmra, jeu jidħollu xi fellus ġo moħħu l'irid jitgħarras? jecc għandu xi djun u ma jâf bihom ħadd? jecc kiegħed iħallas x'imgħaxijiet? jecc għandu xi ticpîs ma tel ħuienet?...

Eh! li chien uieħed jista jarah dan it-testment tal barba, u jara x'inhuma il fehmjiet tiegħu!

Chif igħix dan l'imbierec ta barba? Il mîn għandu miegħu id-dâr biex isajjarlu dac il buccun tisjir? Bictejn ħuejjeġ, mîn jaħsilhomlu? Is-sahra chif igħaddieha? filgħaxijiet, fejn imdorri imur?

Daun huma, iva, il mistoksijiet li jagħmlu addocc il uerrieta b'tant ħerka. U għalhecc erħilhom

icattru għal għandu iż-żiarat sicuit ; ma jierħulix nifs! Il għadba ħfeuuhielu gejjin u sejjrin, iħarsu bl'icrah lejn colmîn hu midħla tiegħu u ħabibu tal kalb.

"*Ma irridux aħna chiecu idejjkuh,*" (tismagħhom igħidulec) "*aħjar iħalluh: tferfira ta xejn, għa's-snîn li għandu, tista tibagħtu il kabar!*"

Trid tismagħhom il kraba iraħħmulu coll mita jeħslu jintakgħu x'imchien mal barba jeu joħolmu bil uirt tiegħu :

"X'hemm, barb,... chemm conn'na nixtieku nokogħdu fejn nilħkuc! li cont tâf chemm nħobbuc! dejjem nsemmuc! Eh! li ma conn'niex ngħammru il bgħid, u imħabbtin chif aħna b'merħla tfâl, chif conn'na nduru bîc, nakduc bil kalb u nżommuc fuk uiċċ idejna!... chemm conn'na nibżgħulec actar għall ħuejjgec... il barranin, jaħlu jafu! Barb, emminn'na, dejjem ħsiebna fîc. Issa ma tħossocx tithenna, x'ħin tarac mdauuar b'dil ġliba kraba — bnjet u subjen, nofs għarajjes — ilcoll iħobbuc bħal biċċa minn kalbhom. It-tama tagħna fîc, barb; aħseb fina, ħadd ma għandu il jedd ħliefna, għax aħna l'ekreb u l'għeżeż li għandec."

*
* *

Mîn jâf il barba it-testment chif għamlu ? Eh ! dauc il gibbieda nies li chienu jistgħu jarau x'fih mictub ? Li chienet taslilhom l'aħbâr illi il barba tatu takliba u nbaram għall għarrieda, eh ! x'fatta imorru igherfxu f'is-senduka, u b'liema ħerka ikallbu u igħauuru sal inkas rocna, jecc ma jakilgħux ucoll iċ-ċangaturi u joborxu il gîr mill ħitan ! !...

Coll uieħed mill kraba, mbagħad, jidhirlu illi il barba għandu iħallilu xi ħaġa actar mill oħrajn.

"Għaliex ilcoll għâd imissna daksinseu? M'hux jien, jeuuilla, l'iżjed fkîr? Ma għandix merħla tfâl il mîn nitma u nrabbi? Ma hux seuua, lè, jecc il uirt tal barba jittieħed isħma isħma, uieħed bħal ieħor!"

Dan il flien jagħmillec iljeli sħaħ ma jorkodx; colfejn icun, l'actar mbagħd fuk il-lantijiet ta'x-xogħol, dejjem moħħu iredden fuk it-testment tal barba. Coll lejla araħ sejjer għandu iraħħamlu u ineuuaħ kuddiemu addoċċ, bħallichiecu irid ifissirlu: "Barb, m'hux biżżejjed għixt? iġri tmut ħalli nirtuc u nixxalau ftit minn fuk spallejc." Imma, il barba jieħu collox b'is-sabar u jidħac ġo kalbu, uakt illi il uerrjet ittih kalbu jaħtfu minn grieżmu u joħonku! U ta chemm icunu iżżattu u tkajmu f'għomorhom, ta chemm icunu tauh il genb u katt ma ħârsu lejn biebu f'coll għors li chellhom, ta chemm uisk drabi ħalleuh jixxennak bla ma neuuululu dakxejn coccosbombos, u issa li geu bżonnu ma humiex għajr jittirżentaulu moħħu, il barba icompli jidħac bihom sabieħ sabieħ, u jagħmel hecc: iħalli collox lil xi Sptâr tal fokra jeu tal Itiema; it-testment għandu jinfetaħ għeluk ix-xahar l'imut, sabiex icollhom żmien biżżejjed ħalli jibcu uara li icheffnuh.

"Tmur tobsor għalih, il barba? Ħariġna ilcoll mill uirt: inkas ħallielna ħakk bauxata San-Paul-il-Baħar! Basta bchejna tant uara tebutu huma-u-sejjrin bih biex jidfnuh! Mexxiena minn imneħirna u temagħna ir-ross bil labra..."

Iżda, b'dakshecc taħseb li tibkegħlhom xogħfa? katt temmen : ħalli jinkala' xi barba ieħor, biex tara chif jakbdu il għanja mill ġdid!

Dun Giusepp Farrugia